bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Silvio Valletta)
vs
Johan Sultana, iben
Martin, imwieled Pieta'
fl-4 ta' jannar, 1982

Illum, 26 ta' novembru, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
a. talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' awissu, 2001 fi Triq Spinola, San Ġiljan kkometta serq ta' diversi oġġetti fosthom stereo tal-marka Clarion minn ġo vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAQ 148, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-valur li jeċċedi l-mitt lira maltin (Lm100) iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) għad-detriment ta' Adrian Kenneth Sillato;
b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi f'Malta xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar
f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibeigħhom jew imexxihom;
ċ. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar jewgħamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura,
bin-numru tar-reġistrazzjoni DAQ 148, tal-marka Citroen AX, liema ħsara teċċedi l-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda anqas minn ħames mitt liri maltin (Lm500) għad-detriment ta' Adrian Kenneth Sillato;
d. talli sar reċidiv b'diversi senteżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta)
tas-7 ta' marzu, 1995, tal-10 ta' mejju, 1999, tal-25 ta' mejju, 1999 u tat-30 ta' mejju, 2000, rispettivament, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
e. talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti
tal-Maġistrati (Malta) tat-30 ta' mejju, 2000 fejn kien misjub ħati u kkundannat għal piena ta' tnax il-xahar priġunerija sospiżi għal sentejn u kkometta reat li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' novembru, 2001 fejn l-imputat ammetta
l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkuża. Issib lill-imputat ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263, 267, 271(g), 278(1)(2)
(3), 325(b)49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn liri maltin (Lm200). Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għal konfiska tal-vettura eżebita. Inoltre, dwar

is-sentenża tat-30 ta' mejju, 2000 rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-perjodu ta' sentejn jibdew jidekorru mil-lum stess.  Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' tlett mitt liri maltin (Lm300) danni fi żmien sitt xhur lil Adrian Kenneth Sillato.